**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (5)

Il-ġimgħa l-oħra bdejna l-intervista ta' Karmenu Grech tal-Posta li kien jaħdem mal-gvern bħala 'civil servant'. Karmenu, li miet fl-1978, kien ġej minn razza ta' barklori u hu wkoll kellu permess biex jaħdem bid-dgħajsa.

Ismijiet ta' Karmenu Grech tal-Posta ta' sieħbu Pietru Farrugia t-"Tinet", flimkien ma' għadd ġmielu ta' qaddiefa oħra Bormliżi li matul il-karriera tagħhom kisbu suċċessi kbar fit-tiġrijiet tradizzjonali tad-dgħajjes bejn iż-żewġ gwerer u wara, huma minquxa mhux biss fl-istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja iżda wkoll fi qlub il-Bormliżi li għandhom għal qalbhom l-istorja marittima ta' din il-belt antika. Fl-intervista tagħna konna wasalna fejn Pietru t-'Tinet' kien talab lil Karmenu biex flimkien jarmaw dgħajsa ta' bi Tnejn u tal-Posta aċċetta l-proposta tiegħu.

"...bdejna it-taħriġ tagħna f'Lulju fuq id-dgħajsa ta' sieħbi Pietru ... ma niftakarx jekk kinitx il-Bronka jew xi dgħajsa oħra! Konna nitħarrġu x-xatt ta' Santa Tereża, iżda kultant konna nieħdu triq twila mill-Break Water sal-Marsa.

"Fl-1922 konna dħalna ras imb'ras ma' Marsamxett ... aħna dħalna l-ewwel! Fl-1923, irbaħna dan il-palju b'mod konvinċenti ħafna u bqajna nirbħuh, sena wara l-oħra sal-1930-36 snin infila.

"Fl-1931 ma ħadniex sehem f'ta' bi Tnejn u qdifna f'ta' bl-Erbgħa minħabba l-pika kbira li kienet teżisti bejna u tal-Birgu f'din il-korsa, fejn il-palju tagħha konna ilna snin ma nirbħuh.

"Naħseb li kieku f'dik is-sena ħadna sehem f'ta' bi Tnejn konna nirbħuh ukoll! Kif tista' timmaġina, biex irbaħna dan il-palju mill-1922 sal-1936, jien u Pietru kellna sfida ħarxa mal-qaddiefa tal-Birgu – mill-aħwa Cauchi li kienu magħrufin bħala 'Ta' Patatiet' u mill-koppji oħra minn Marsamxett u l-Isla. L-aħjar u l-aqwa koppja avversarja tagħna kienu 'Ta' Patatiet' tal-Birgu li f'kull tiġrija kienu jibqgħu telgħin magħna sa tmiem il-korsa.

*Tiftakar xi tiġrija partikolari fejn int u sieħbek Pietru stajtu titilfu l-palju?:*

"...Iva, niftakar fit-tlieta żgur! Fl-1926, Marsamxett rama sitt dgħajjes għalina ...dik is-sena kont marid bir-ramattiżmu, iżda f'jum il-Vitorja ħassejtni tajjeb u rnexxielna nidħlu l-ewwel wara taqtiegħa ħarxa mal-Birgu.

"Fl-1930 kont ma niflaħx ħafna, tant, li għedt lil Pietru biex isib sieħeb ieħor minfloki, iżda hu baqa' jsostni li jekk ma naqdifx miegħu kien jieqaf mill-qdif. Ħaġa tal-għaġeb, f'Jum il-Vitorja ħassejtni tajjeb ħafna ... kont għamilt wegħda mal-Bambina li jekk nirbaħ il-palju wara t-tiġrija mmur nirringrazzaha.

"Il-palju rbaħnieh, u wara t-tiġrija tlabt lil Pietru biex iwassalni l-Ponta tal-Isla, fejn hemmhekk ilbist qalziet u qmis u tlaqt dritt lejn il-knisja tal-Isla biex nirrigrazzja lil Madonna għall-għajnuna li tatni.

"Fl-1933, Bormla rebħet il-paljijiet kollha, s'intendi barra dak tal-Ferilli għax aħna ma konniex nieħdu sehem fiha. Irbaħna l-palju bi ftit! Kienet tiġrija iebsa ħafna, u għalija kienet aktar minħabba li kelli musmar maqlub fil-warrani tiegħi u ma stajtx noqgħod bilqiegħda sewwa.

"Niftakar li r-rebħ ta' ħames paljijiet, fl-1933, kienet rebħa kbira għalina meta kemm il-Birgu kif ukoll l-Isla kienu armati tajjeb ħafna. F'dik l-epoka aħna konna qegħdin niddominaw kull Regatta u f'din l-okkażjoni speċjali konna għamilna festa kbira u ħadna xi ritratti f'Café Riche.

*Għedtli li fl-1931 int u sieħbek qdiftu f'ta' Bl-Erbgħa u mhux f'ta' Bi Tnejn – x'kienet ir-raġuni?:*

Kif għedtlek, bejna u l-Birgu kien hemm pika kbira f'din il-korsa! Il-Birgu kienu tajbin ħafna fiha u aħna konna ilna snin ma nirbħu dan il-palju.

"Niftakar qisu l-bieraħ, wara t-tiġrija tal-1930, fix-xatt ta' Bormla nqala' argument sħun fost il-qaddiefa, u bdew jistaqsu jekk kienx wasal iż-żmien li nirbħu dan il-palju mill-ġdid.

"Bormla minn dejjem kienet armata tajjeb f'din il-korsa, iżda fis-snin 20 il-Birgu kienu aħjar minna. Wara t-tiġrija kien sabni ċertu Leli Aquilina (Ir-Ratal) u talabni biex flimkien miegħu u Wiġi Scicluna u Pietru Farrugia narmaw dgħajsa ta' bl-Erbgħa forsi fl-aħħar Bormla jirnexxielha tirbaħ dan il-palju prestiġjuż. F'dik l-epoka aħna kellna żewġ dgħajjes armati tajjeb u dejjem tajna tiġrija iebsa lil Birgu.

"Nitakar li jien bqajt inħares lejn Leli r-'Ratal' u la għedtlu iva u lanqas le! Meta wara kellimt lil Pietru, dan qalli li lilu kienu diġà avviċinawh u xtaq ħafna li jien naċċetta, li għal dik is-sena minflok nieħdu sehem f'ta' Bi Tnejn inġerru f'ta' bl-Erbgħa. Jien aċċettajt, u għalhekk morna nfittxu lil Leli r-'Ratal' u lil Wiġi u ftehmna li narmaw dgħajsa tajba.

"F'Awwissu bdejna t-taħriġ fid-dgħajsa! Għall-ewwel jien ħsibt li m'aħniex se naqblu, iżda wara ftit palati, irranġajna l-armar u morna aħjar. Wara xi ħmistax nitħarrġu qrib ix-xatt ta' Santa Tereża biex inqajmu ftit entużjażmu fost il-partitarji tagħna, tlaqna biex nieħdu t-triq fil-kanal... mhux l-ewwel darba ħadna t-triq darbtejn u anke tlieta u ġieli għamilna t-triq f'ħames minuti b'dgħajsa tax-xogħol ... taf x'jiena ngħid b'dgħajsa tax-xogħol? ... dgħajsa tax-xogħol hi opra tqila għax biex tingħata permess mid-dwana trid tkun tiflaħ għaxar passiġġieri u żewġ barklori.

"Aħna konna nafu li l-ewipaġġ tal-Birgu barra li kien tajjeb ħafna, kien ilu snin jaqdef flimkien, id-dgħajsa tax-xogħol tagħhom kienet eħfef minn tagħna...

"F'jum it-tiġrija, aħna ħadna postna fil-kanal maġenb id-dgħajsa tal-Isla li wkoll kienet tajba, iżda aħna konna armati aħjar minnhom. Kien hemm id-dgħajjes ta' Marsamxett u tal-Marsa, iżda d-dgħajsa t-tajba tal-Birgu ma dehret imkien!

"F'xi ħin qalulna li d-dgħajsa tas-Settebirra kienet irtirat mit-tiġrija iżda għadni sal-lum ma nafx għaliex irtirat mit-tiġrija. Wara t-tiġrija smajna b'ħafna stejjer, min qal li rtiraw għax beżgħu li jinqala' ħafna ġlied fost il-partitarji taż-żewġ distretti, oħrajn qallu li riedu jilagħbu xi flus u ma sabux ... iżda wara smajna wkoll li wieħed mill-qaddiefa kien fis-sakra u li kien inqala' ħafna nkwiet fost l-ekwipaġġ u kien hemm xi tilwim ukoll.

"Ngħidlek is-sewwa, għalkemm jien fraħt ma' sħabi li rbaħna dan il-palju, iddispjaċini ħafna li ma ħadtx sehem f'ta' bi Tnejn ... kont iħossni aktar kburi kieku rbaħnieh kontra l-aqwa ekwipaġġ tal-kanal ta' dak iż-żmien. Meta wara t-tiġrija sabni Leli r-'Ratal' u talabni biex nerġa' naqdef magħhom, għedtlu biex isibu lil ħaddieħor għax jien aktar nippreferi nkompli naqdef f'ta bi Tnejn milli f'korsa oħra ...

*Jien dejjem nismagħhom jgħidu li qabel il-gwerra kienu jsiru ħafna mħatri fuq id-dgħajjes. Qaddief veteran ieħor Bormliż semmieli l-pika kbira li kienet teżisti bejn Bormla u Marsamxett u qalli wkoll li fil-bidu tas-seklu kienet saret imħatra kbira fuq id-dgħajjes tal-Midalji ... x'taf tgħidli dwar din it-tiġrija?*

"... imħatri minn dejjem kienu jsiru, anke fiż-żmienna ... min se jilgħab imħatra mhux se jiġi jgħidlek. Dwar it-tiġrija li semmejtli – dik baqgħet magħrufa bħala t-'Tiġrija tal-Imħatra' u meta saret jien kont għadni daqsxejn ta' tifel.

"Nismagħhom jgħidu li din it-tiġrija kienet saret f'Ottubru, 1907, bejn l-aħjar żewġ dgħajjes tal-Midalji li kien hawn fiż-żewġ portijiet - In-Nażżarenu ta' Marsamxett u l-Kunċizzjoni ta' Bormla.

"F'din it-tiġrija li kienet saret fil-Port ta' Marsamxett kienet intrebħet minn Marsamxett u jingħad li l-Bormliżi kienu tilfu ġidhom kollu. Jista' jagħti l-każ li min kien jgħid hekk kien qed jesaġera, għaliex jgħidu li wara din id-disfatta l-Bormliżi reġgħu sfidawhom għal tiġrija oħra iżda il-Beltin ma aċċettawx.

"Iżda telf ta' flus jissemmew żgur! Nismagħhom jgħidu wkoll, li xi ħabrieka Bormliżi kienu marru l-Isla u talbu lil ċertu Ġanni Caruana (Il-Bubbli John) biex jaqdef magħhom, iżda dan ma aċċettax ....

Nota: Karmenu kellu raġun meta sostna li l-imħatri minn dejjem kienu jsiru f'dawn it-tiġrijiet għaliex f'korrispondenża f'waħda mill-gazzetti nsibu żewġ tiġrijiet oħra bejn Bormla u Marsamxett - waħda fuq id-dgħajjes ta' bl-Erbgħa fl-14 ta' Mejju, 1887, f'lejlet il-festa ta' San Publiju, u l-oħra tal-Kajjikki fl-aħħar ta' Settembru, 1991.

*Meta waqaftu mill-qdif?*

".... fl-1936! Jien u Pietru komplejna nieħdu sehem fil-korsa ta' Bi Tnejn u komplejna bir-rebħ sal-1936... stajna komplejna naqdfu, iżda t-tnejn iddeċidejna li nieqfu mil-qdif. Ngħidlek is-sewwa f'Pietru Farrugia sibt mhux biss qaddief tajjeb iżda wkoll ħabib onest u tar-ruħ ... konna nħobbu lil xulxin qisna żewġ aħwa.

"Mhux l-ewwel darba li sehmu mill-premju tal-flus li konna nirbħu mal-palju kien jagħtihomli għax kien jgħidli li jien għandi l-familja. Qdifna fuq diversi dgħajjes, iżda l-aktar dgħajsa li kienet għall-qalb Pietru kienet *Lady Bronk* bin-numru 304.

"Din id-dgħajsa kienet ta' Pietru, u kien semmieha hekk għal ommu li kienet magħrufa bħala 'Il-Bronka' ...



It-Tiġrija tal-Imħatra fuq id-dgħajjes tal-Midalji bejn Bomrla u Marsamxett li kienet saret fil-Port ta' Marsamxett, fis-27 ta' Ottubru, 1906

tkompli f'ħarġa oħra